

- (5) Meta l-persuna kkonċernata titlob aċċess għan-nota interna dwar abbozz ta' deċiżjoni, il-proċessur jew l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jipprovd kopja ta' dan id-dokument sabiex jirrispettaw id-dritt ta' aċċess?

- (<sup>1</sup>) Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjal bi-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355).
- (<sup>2</sup>) Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU tat-30.03.2010, C 83, p. 389).

### Rikors ippreżentat fis-26 ta' Marzu 2012 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Ġermanja

(Kawża C-146/12)

(2012/C 157/05)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Hetsch u G. Braun, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Ġermanja

#### Talbiet

- tiddikjara li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma adottatx jew ma kkomunikatx lill-Kummissjoni l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrativi neċċessarji skont l-Artikolu 1, l-Artikolu 2, l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 5(2), (5), (6) u (8), l-Artikolu 6(1), (2), (3), (9) u (10), l-Artikoli 7, 8, 9, l-Artikolu 11(4) u (5), l-Artikolu 12, l-Artikolu 13(5), l-Artikoli 15, 16 u 17, l-Artikolu 18(1), (2), (4) u (5), l-Artikolu 19(3), l-Artikoli 20 sa 27, l-Artikolu 28(4) u (6), l-Artikoli 32 sa 35 kif ukoll l-Annessi I sa IX tad-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Ġunju 2008, dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (<sup>1</sup>);
- tikkundanna lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja skont l-Artikolu 260(3) TFUE, tħallas pagamenti ta' penalità ta' EUR 215 409,60 kuljum, pagabbi fuq il-kont “Riżorsi Proprii tal-Unjoni Europea”, għal ksur tal-obbligu ta' komunikazzjoni tal-miżuri ta' implementazzjoni;
- tikkundanna lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għall-ispej-jeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożżjoni tad-direttiva skada fid-19 ta' Lulju 2010.

(<sup>1</sup>) ĠU L 191, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Högsta domstolen (l-Isvezja) fid-29 ta' Marzu 2012 — Eva-Marie Bränström u Rune Bränström vs Ryanair Holdings plc**

(Kawża C-150/12)

(2012/C 157/06)

Lingwa tal-kawża: L-Isvediż

#### Qorti tar-rinvju

Högsta domstolen

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Eva-Marie Bränström u Rune Bränström

Konvenuta: Ryanair Holdings plc

#### Domandi preliminari

- (1) Ir-responsabbiltà tat-trasportatur bl-ajru fil-każ ta' dannu kkgunat minn dewmien, fis-sens tal-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni ta' Montréal, tat-28 ta' Mejju 1999, għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli għat-Trasport Internazzjonali bl-Ajru, tinkludi wkoll każżejjet fejn il-wasla tal-passiġġieri fid-destinazzjoni tagħhom tīgi mdewma minħabba l-fatt li tit-titjira ma seħħitx? Huwa rilevanti l-mument meta ġiet ikkanċellata t-titjira, pereżempju wara li jkun sar iċc-check-in?
- (2) Il-fatt li l-ajrupport għandu problema teknika li, ikkunsidra waħedha jew flimkien ma' kundizzjonijiet meteoroloġiċi, tagħmel kull inżul impossibbli jista' jikkostitwixxi “ċirkustanza straordinarja” fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004 (<sup>1</sup>)? Il-fatt li t-traspostatur bl-ajru kien jaf dwar il-problema teknika għandu effett fuq l-evalwazzjoni tal-kwistjoni dwar x-jista' jikkostitwixxi tali ċirkustanza?
- (3) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel parti tat-tieni domanda tkun fl-affermattiv, liema miżuri għandhom jittiehd mit-trasportatur bl-ajru sabiex jeżonera ruħu mill-obblighi ta' kumpens imsemmi fl-Artikolu 5(3) ta' dan ir-regolament?
  - jista' jiġi rikjest u, jekk iva, sa liema estent u taħt liema ċirkustanzi, li t-trasportatur bl-ajru jkollu riżorsi suppilmentari, pereżempju fil-forma ta' ajruplanu jew ekwiċċagi disponibbli, sabiex jiżgura titjira li jkollha, fin-nuqqas ta' dan, tiġi kkanċellata jew sabiex iku jista' jiżgura titjira oħra minnflok dik ikkanċellata?
  - jista' jiġi rikjest li t-trasportatur bl-ajru joffri lill-passiġġeri rottu oħra skont l-Artikolu 8(1)(b) tal-imsemmi regolament? F'dan il-każ, liema obblighi huma imposti fuq it-trasportatur bl-ajru, pereżempju għal dak li jirrigwarda l-ħin ta' tluq u l-użu ta' trasportaturi oħra?